

Il-Ġurnal Uffiċjali

L 215

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

20 ta' Awwissu 2009

Werrej

I *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 758/2009 tad-19 ta' Awwissu 2009 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 759/2009 tad-19 ta' Awwissu 2009 li jemenda l-Anness tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini ⁽¹⁾ 3**

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 760/2009 tad-19 ta' Awwissu 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1741/2006 li jistipula l-kundizzjonijiet għar-rifużjoni ta' esportazzjoni speċjali tal-laħam mingħajr għadam ta' annimali adulti bovini maskili skont il-proċedura tal-ħżin fidwana qabel l-esportazzjoni 5**

⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 758/2009

tad-19 ta' Awwissu 2009

li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u
ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Awwissu 2009.

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ta' Awwissu 2009.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

ANNEX

il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur fiss tal-importazzjoni
0702 00 00	MK	29,6
	XS	27,8
	ZZ	28,7
0707 00 05	MK	39,3
	TR	99,7
	ZZ	69,5
0709 90 70	TR	105,4
	ZZ	105,4
0805 50 10	AR	64,0
	UY	41,2
	ZA	72,1
	ZZ	59,1
0806 10 10	EG	162,3
	IL	133,8
	TR	109,4
	US	170,2
	ZA	151,7
	ZZ	145,5
0808 10 80	AR	114,7
	BR	71,3
	CL	83,1
	NZ	90,9
	ZA	79,8
	ZZ	88,0
0808 20 50	AR	104,5
	CN	60,3
	TR	132,4
	ZA	82,8
	ZZ	95,0
0809 30	TR	143,4
	ZZ	143,4
0809 40 05	IL	107,7
	ZZ	107,7

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 759/2009

tad-19 ta' Awwissu 2009

li jemenda l-Anness tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 tas-17 ta' Diċembru 2003 li jstabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u d-Direttivi 92/102/KEE u 64/432/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 21/2004 jistipula li kull Stat Membru għandu jstabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.
- (2) Din is-sistema fiha erba' elementi, li huma: mezz ta' identifikazzjoni biex jiġi identifikat kull annimal; iż-żamma ta' reġistri aġġornati dwar kull stabbiliment; dokumenti dwar ċaqlieq; u reġistru ċentrali jew bażi ta' dejta kompjuterizzata. L-Anness ta' dan ir-Regolament jistipula r-rekwiżiti għal dawn l-elementi.
- (3) L-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 21/2004 fil-preżent jistipula li annimali intiżi għall-qatla qabel l-età ta' 12-il xahar u mhux intiżi għal kummerċ intra-Komunitarju jew esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jistgħu jiġu identifikati b'metodu li jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima A.7 tal-Anness ta' dan ir-Regolament. Iżda, f'xi każijiet annimali li oriġinarjament kienu intiżi għall-qatla jintużaw madankollu għat-tagħmir iktar tard fi stabbilimenti differenti minn dak tat-twelid. Għalhekk għandu jkun permess li dawn l-annimali jitħallew ikunu identifikati individwalment wara li jkun ħallew l-istabbiliment fejn twieldu sakemm l-annimal individwali jista' jiġi ttraċċat sal-istabbiliment fejn twieled.
- (4) It-taqsima C tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 21/2004 tistipula t-tagħrif li għandu jkun hemm fid-

dokument ta' ċaqlieq. Sabiex jiġi reġistrat il-kodiċi ta' identifikazzjoni individwali ta' kull annimal fuq id-dokument ta' ċaqlieq, il-karatteristiċi ta' identifikazzjoni ta' kull annimal individwali għandhom jiġu reġistrati mat-tluq. Reġistrazzjoni simili għandha terġa' ssir fl-istabbiliment ta' destinazzjoni. Sabiex jitnaqqas il-piż ta' amministrazzjoni, għandu jkun permess li jitħalla li jiġu reġistrati l-kodiċijiet ta' identifikazzjoni tal-annimali fl-istabbiliment ta' destinazzjoni, minflok fl-istabbiliment ta' tluq, suġġett għal ċerti kundizzjonijiet.

- (5) L-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 21/2004 jstipula li ċerti sidien (detenturi) iżommu inventarju tal-annimali tal-inqas kull sena. Il-Parti D tal-Anness ta' dan ir-Regolament jistipula li ċertu tagħrif jinżamm fil-baży ta' dejta kompjuterizzata. Ir-riżultati tal-inventarju huma parti minn dan it-tagħrif. Sabiex jitnaqqas il-piż ta' amministrazzjoni, għandu jkun permess li ma jiġux reġistrati dawn ir-riżultati f'dawk l-Istati Membri fejn il-baży ta' dejta kompjuterizzata jkun fiha, barra mit-tagħrif meħtieġ skont il-Parti D ta' dan l-Anness, il-kodiċijiet ta' identifikazzjoni individwali ta' kull annimal fl-istabbilimenti.
- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 21/2004 għalhekk għandu jiġi emendat skont dan.
- (7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 21/2004 għandu jiġi emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu jkun applikabbli b'mod dirett fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Awwissu 2009.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 21/2004 huwa emendat kif ġej:

(1) Fit-Taqsima A, il-punt 7, it-tielet subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

“Annimali identifikati b'konformità ma' dan il-punt li huma intiżi li jinżammu lil hinn minn 12-il xahar jew li huma intiżi għall-kummerċ intra-Komunitarju jew għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi, għandhom ikunu identifikati b'konformità mal-punti 1 sa 4 sabiex tiġi żgurata t-traċċabilità ta' kull animal għall-istabbiliment ta' twelid.”

(2) Fit-Taqsima C, il-punt 2 jinbidel b'dan li ġej:

“2. Mill-1 ta' Jannar 2011, is-sid tal-istabbiliment tat-tluq għandu jirreġistra fid-dokument ta' ċaqlieq il-kodiċi ta' identifikazzjoni individwali ta' kull animal identifikat skont il-punti 1 sa 6 tat-Taqsima A qabel ma jsir iċ-ċaqlieq.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza għal ċaqlieq li ma jnvolvi kummerċ intra-Komunitarju r-reġistrazzjoni tal-kodiċi ta' identifikazzjoni individwali ta' kull animal fid-destinazzjoni f'isem is-sid tal-istabbiliment tat-tluq, suġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-annimali ma jinġarrux fl-istess mezz ta' trasport ta' annimali minn stabbilimenti oħra, sakemm il-gruppi ta' annimali ma jkunux fiżikament separati minn xulxin;

(b) l-istabbiliment ta' destinazzjoni jkun approvata mill-awtorità kompetenti għall-fini ta' reġistrazzjoni tal-kodiċijiet individwali tal-annimali f'isem is-sid tal-istabbiliment tat-tluq;

(c) jkun hemm proċeduri biex jiġi żgurat li fi żmien 48 siegħa mill-ħin tat-tluq:

(i) il-kodiċi ta' identifikazzjoni individwali ta' kull animal jiġi reġistrat b'konformità mal-punt 2(a) tat-Taqsima B fir-reġistru tal-istabbiliment tat-tluq,

(ii) it-tagħrif marbut maċ-ċaqlieq jingħata lill-awtorità kompetenti biex tiġi aġġornata l-bażi ta' dejta kompjuterizzata b'konformità mal-punt 2 tat-Taqsima D.”

(3) Fit-Taqsima D, il-punt 1(f) jinbidel b'dan li ġej:

“(f) ir-riżultat tal-inventarju tal-annimali stipulat fl-Artikolu 7(2), u d-data meta twettaq dan l-inventarju, għajr fl-Istati Membri fejn il-bażi ta' dejta kompjuterizzata ċentralizzata jkollha l-kodiċi ta' identifikazzjoni individwali ta' kull animal miżmum fi stabbiliment.”

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 760/2009

tad-19 ta' Awwissu 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1741/2006 li jstipula l-kundizzjonijiet għar-rifużjoni ta' esportazzjoni speċjali tal-laħam mingħajr għadam ta' annimali adulti bovini maskili skont il-proċedura tal-ħżin fid-dwana qabel l-esportazzjoni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 170 flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1741/2006 ⁽²⁾ jstabilixxi li l-laħam mingħajr għadam tal-bovini adulti maskili li għalih hija aċċettata dikjarazzjoni għal-ħżin għandu jkun soġġett għal kontroll fiżiku li jirrigwarda selezzjoni rappreżentattiva ta' mill-inqas 5 % tad-dikjarazzjonijiet għal ħżin aċċettati
- (2) Sabiex ikun hemm trattament ugwali bejn l-operaturi li jespportaw skont ir-Regolament (KE) Nru 1741/2006 u dawk li jespportaw direttament, għandha tingħata garanzija li l-kwantitajiet li jitneħħew biex ikunu jistgħu jitwettqu l-kontrolli fiżiċi għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni fil-kalkolu tal-ħlas tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 612/2009 tas-7 ta' Lulju 2009 li jstabbilixxi regoli komuni għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni

ta' prodotti agrikoli ⁽³⁾, diġà jstabilixxi l-prinċipju li kwantitajiet ta' prodotti meħuda bħala kampjuni meta jitlestew il-formalitajiet doganali tal-esportazzjoni u li ma jgħux irritornati wara, għandhom jitqiesu daqs kieku ma tneħħewx għal finijiet tal-kalkolu tal-ħlas tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni.

- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 1741/2006 għandu jiġi emendat skont dan.
- (5) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

Fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1741/2006 għandu jiżdied il-paragrafu 4 li jmiss:

"4. Għal finijiet tal-kalkolu tal-ħlas tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni, il-kwantitajiet tal-prodotti li jittieħdu bħala kampjuni għall-kontroll fiżiku imsemmjia fl-Artikolu 4(8) u li ma jgħux irritornati wara għandhom jitqiesu daqs kieku ma tneħħewx mill-kwantità esportata."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Awwissu 2009.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007 p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 329, 25.11.2006, p. 7.

⁽³⁾ ĠU L 186, 17.7.2009, p. 1.

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 000 EUR fis-sena (*)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	100 EUR fix-xahar (*)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	700 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	70 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	40 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	500 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

(*) Il-prezz kull kopja: bi 32 paġna: 6 EUR
minn 33 sa 64 paġna: 12 EUR
aktar minn 64 paġna: Prezz fiss għal kull każ

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li jroġoġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>